*Rivista Biblika li toħroġ kull xahrejn mill-Kummissarjat ta' L-Art Imqaddsa tal-Provinċja Franġiskana Maltija*

*Imwaqqfa fl-1955*

*Computer Setting: Ġwann Abela ofm*

***Nota:*** *r-ritratti tal-fuħħar li jidhru f'din il-ħarġa huma meħuda mill-ktieb ta' Stanislao Loffreda ofm, "Holy Land pottery at the time of Jesus", Franciscan Printing Press, Jerusalem, 2001.*

*Serje Ġdida*
*Vol 23 Nru 131*
*Settembru - Ottubru 2002*

***Editorjal*** **..................321**
***Avviż*** **......................322**
***Il-Barka fl-Iskrittura*** **........323**
***Pawlu Appostlu ta' Ġesù Kristu*** **..........327**
***L-ittra ta' Ġakbu*** **......330**
***P. Gabriele M. Allegra OFM*** **.......335**
***San Franġisk u s-Sultan (I)*** **......309**
***Il-qarrejja jistaqsu*** **....349**

*Editorjal ta' Twanny Chircop ofm*

# Ħsibijiet u proġetti

Wara ż-żmien tas-Sajf li jġib miegħu waqfa mill-attività kważi kollha, u bir-raġun għax kemm minħabba s-sħana qawwija tas-Sajf ta' Malta kif ukoll il-bżonn li wieħed jistrieħ, erġajna ftaħna s-sena tal-Evanġelizzazzjoni. Fl-10 t'Ottubru bdejna mill-ġdid il-kors bibliku, li din is-sena minn dan l-istess xahar sa' Diċembru qed nistudjaw il-kotba Storiċi tal-Iskrittura. Dan il-kors qed jitmexxa minn Patri Guido Schembri ofm. Il-konkorrenza kienet waħda inkoraġġanti, kemm fis-sezzjoni ta' filgħodu kif ukoll fis-sezzjoni ta' filgħaxija. Jidher ċar li hawn ħafna għatx għal għarfien iżjed sħiħ tal-Kelma t'Alla. Din hija ħaġa pożittiva ħafna u inħoss li bħala kummissarjat tal-Art Imqaddsa li nagħtu din il-formazzjoni Biblika għandu jkun l-ewwel dmir u impenn tagħna.

F'dawn l-aħħar żminijiet, l-Art Imqaddsa qiegħda kontinwament tissemma fl-aħbarijiet minħabba s-sitwazzjoni diffiċli li teżisti. Għalina l-Insara, izda din l-Art Imqaddsa tfisser ħafna iżjed u għandha tifsira spiritwali wkoll minħabba li Ġesù wettaq is-salvazzjoni tagħna fiha. Din it-tifsira sfortunatament, ma hix magħrufa biżżejjed mill-parti kbira ta' l-insara. Għalhekk, jiena xtaqt fil-bidu tal-kariga tiegħi bħala Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa, inniedi kampanja jew sensiela ta' taħdidiet dwar l-Art Imqaddsa fil-parroċċi ta' Malta u Għawdex, dejjem bil-kunsens u l-għajnuna tal-kappillani. Nemmen li dan ikun wieħed mill-aħjar modi biex nissensibilizza lil ħutna l-Maltin dwar is-sbuħija ta' din l-Art ta' Ġesù, li minnha nistgħu nieħdu katekeżi ħajja għal ħajjitna. Dan ser nagħmlu bil-għajuna ta' l-ewwel membri tal-grupp *"Ħbieb tal-Art Imqaddsa"* li bil-mod beda jaħdem u qed isib l-iskop tiegħu.

F'din l-Art ta' Ġesù huwa żmien diffiċli għal kulħadd, kemm għalina l-Franġiskani bħala ħarriesa tal-postijiet qaddisa kif ukoll għall-insara tal-post, għax it-turiżmu u l-pellegrinaġġi għebu għal kollox. Rigward il-pellegrinaġġi nittama li s-sena d-dieħla jkun żmien aħjar fejn nistgħu inkomplu anke norganizzaw il-pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa, s'intendi b'xi tibdil imma li żguri jkompli jgħinuna nifhmu l-kobor u s-sbuħija ta' din l-art tal-grazzja.

Din l-Art ta' Ġesù hija verament imbierka u kull min għamel l-esperjenza li jżurha ħassu fortunat w imbierek mill-Mulej. Nitolbu flimkien għax l-għaqda għandha l-qawwa għall-PAĊI.

F'din il-ħarġa ser issibu diversi artikli bibliċi ta' Patri Marcello Ghirlando u wkoll bidu ta' sensiela dwar il-wasla tal-Franġiskani fl-Orjent miktuba minn Patri Noel Muscat. Imbagħad għandna wkoll artiklu dwar P. Gabriele M. Allegra ofm, appostlu tal-Kelma u fundatur ta' l-istudju Bibliku ta' Hong Kong li se jiġi pproklamat beatu dalwaqt.

Nawgurawlkom qari tajjeb.

# *Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa - Malta*

# OPEN DAY 2002

**Is-Sibt 1 ta' Diċembru**
**mid-9.00am sa 12.00pm**
**u mill-4.00pm sas-6.00pm**

Fil- KUMMISSARJAT TA' L-ART IMQADDSA
8 Triq Santa Luċija, Il-Belt.

*Ejjew u Niltaqgħu Flimkien*

• Ejjew ġeddu l-Abbonament fir-Rivista l-Art Imqaddsa

• Roħs speċjali fuq Kotba Bibliċi tagħna u ta' l-Edizzjoni TAU

• Ser ikun hemm għall-bejgħ
Posters u Santi ta' l-Art Imqaddsa;
il-Bambini ta' Betleħem;
u diversi tifkiriet reliġjużi mill-Art Imqaddsa.

• Ejjew iksbu l-informazzjoni għall-Pellegrinaġġi
fl-Art Imqaddsa 2003 u
għall-Korsijiet dwar l-Art Imqaddsa 2003.

Ejjew u Niltaqgħu Flimkien
• Ġeddu t-tifkiriet tal-Pellegrinaġġ tagħkom
ibqgħu flimkien magħna.

*Ħbieb ta' l-Art Imqaddsa: Nistennewkom!*

**Fis-6.15 p.m.**
**Niċċelebraw Quddiesa fil-Knisja Santa Marija ta' Ġesù (il-Belt)**
**għall-bżonnijiet tal-Benefatturi ħajjin u mejtin**
**tal-Missjoni ta' l-Art Imqaddsa**